MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 459/2003

**Marika Mamo**
**ezercenti taht l-isem Clapper Productions**

**vs**

**One Productions Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fis-17 ta' Settembru, 2003, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-ammont ta' Lm3,375 (tlett elef, tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltin) – bilanc ta' somma akbar liema somma hija dovuta ghall-production ta' 'drama episodes' bl-isem ta' "L-Avventura ta' Fatatu" u dan skond ftehim iffirmat fil-15 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez u l-imghax legali minn meta l-flus kienu dovuti, flimkien ta' ittra bonarja tat-8 ta' April, 2003, kif ukoll ta' Mandat ta' Sekwestru ipprezentat ma' l-Avviz.

Rat illi s-socjeta' konvenuta ma pprezentatx l-eccezzjonijiet taghha nonostante l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta u billi l-attrici ghandha ragun fit-talba taghha;

Tilqa' l-istess u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' tlett elef, tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm3,375), bilanc ta' somma akbar dovuta ghall-produzzjoni ta' 'drama episodes' bl-isem ta' "L-Avventura ta' Fatatu" u dana skond ftehim iffirmat fil-15 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------